

Brussell, 9 ta' April 2018
(OR. en)

7844/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0076 (COD)

EF 104
ECOFIN 312
CONSOM 96
IA 89
CODEC 509

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Marzu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 163 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 fir-rigward ta' ċerti imposti fuq flus transkonfinali fl-Unjoni u l-imposti fuq il-kambju tal-munita

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 163 final.

Mehmuż: COM(2018) 163 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2018
COM(2018) 163 final

2018/0076 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 fir-rigward ta' ċerti imposti fuq ħlas transkonfinali fl-Unjoni u l-imposti fuq il-kambju tal-munita

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2018) 84 final} - {SWD(2018) 85 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Is-Suq Uniku tal-UE jippermetti lil persuni, servizzi, prodotti u kapital li jiċċaqalqu b'mod ħieles f'ekonomija b'Prodott Domestiku Gross annwali ta' EUR 15-il triljun. Joffri opportunitajiet ġodda għall-intrapriżi Ewropew u jikkontribwixxi għal kompetizzjoni sana. Dan iwassal għal aktar għażla, servizzi aħjar u prezzijiet orħos għal aktar minn 500 miljun konsumatur.

Prijorità ewlenija tal-Kummissjoni Juncker hija l-ħolqien ta' Suq Uniku aktar profond u aktar ġust. F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Green Paper li tikkonsulta dwar il-potenzjal ta' suq aktar integrat għas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, u l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħaq dan l-għan. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet mingħand il-partijiet interessati u r-Rapport tal-Parlament Ewropew¹ dwar il-Green Paper, f'Marzu 2017 il-Kummissjoni ppubblikat Pjan ta' Azzjoni² li jstabbilixxi strateġija biex issaħħaħ is-Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur.

Pagamenti transfruntiera huma kruċjali għall-integrazzjoni ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur u għall-ekonomija tal-UE. Għandhom irwol importanti ħafna biex ilaqqgħu flimkien in-nies u n-negozji fl-Istati Membri tal-UE. Restrizzjonijiet u spejjeż eċċessivi għal pagamenti transfruntiera jipprevjenu t-tlestija tas-Suq Uniku.

Tariffi għal pagamenti transfruntiera

Ir-Regolament Nru 924/2009 dwar pagamenti transfruntiera fl-UE għamel it-tariffi fuq il-pagamenti transfruntiera f'euro fl-Unjoni ugwali ma' pagamenti domestiċi f'euro (jiġifieri pagamenti f'euro fl-istess Stat Membru). Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro, minkejja li koperti mir-Regolament, ma bbenefikawx mill-effetti ta' dan ir-Regolament: f'dawn l-Istati Membri, pagamenti domestiċi f'euro huma jew għaljin ħafna jew sempliċiment ma jeżistux. B'konsegwenza ta' dan, persuni u negozji f'dawn l-Istati Membri tal-UE li mhumiex fiż-Żona tal-Euro jħallsu tariffi għalja meta pagament jaqsam il-fruntiera ta' pajjiżhom jew meta jivvjaġġaw u jħallsu barra minn pajjiżhom. Dawn l-ispejjeż għaljin huma ostaklu għat-tlestija tas-Suq Uniku jgħolqu żewġ kategoriji ta' utenti ta' servizzi ta' pagamenti fl-UE.

Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro ngħataw l-għażla li jestendu r-Regolament 2560/2001 u s-suċċessur tiegħu r-Regolament 924/2009 għall-munita nazzjonali tagħhom. Madankollu, din l-għażla kienet użata biss mill-Iżvezja, li allinjat it-tariffi għal pagamenti transfruntiera bil-krona Żvediża mat-tariffi għal pagamenti domestiċi fil-krona Żvediża.

L-għan ta' din il-proposta huwa li ġġib il-benefiċċji tar-Regolament 924/2009 għal nies u negozji fi Stati Membri barra ż-Żona tal-Euro, u ġġib fi tmiemha l-ispiża għolja ta' tranżazzjonijiet transfruntiera fl-UE f'euro. Din l-ispiża għolja taġixxi ta' ostaklu għall-kambju bejn Stati Membri fiż-Żona tal-Euro u dawk barra ż-Żona tal-Euro u huwa ta' detriment għaż-żewġ oqsma. In-nies u n-negozji barra miż-Żona tal-Euro jsofru spejjeż ogħla biex jaċċessaw is-swieq jew biex jinteraġixxu man-nies fiż-Żona tal-Euro. Dan ifisser li ma jistgħux jinnegozjaw jew jikkompetu mal-kontropartijiet tagħhom fiż-Żona tal-Euro bl-istess kundizzjonijiet. Pereżempju, jekk negozju li mhuwiex fiż-Żona tal-Euro jkollu fornituri miż-Żona tal-Euro, l-ispiża tal-input tiegħu se tkun ogħla milli tkun għal kompetitur li jinsab fiż-Żona tal-Euro. Bl-istess mod, dan l-ostaklu addizzjonali għaċ-ċaqliq u l-kummerċ ħieles jillimita l-għadd ta' klienti potenzjali disponibbli

¹ 2016/2056(INI)

² COM/2017/0139

għan-negozji taż-Żona tal-Euro. It-tabelli hawn taħt juru s-sitwazzjoni attwali u s-sitwazzjoni wara l-applikazzjoni tar-Regolament emendat.

Il-proposta ma tittrattax tranżazzjonijiet transfruntiera f'muniti oħra minbarra l-euro.

IS-SITWAZZJONI ATTWALI

JINTBAGĦTU EUROS MINN ... LIL ...	Iż-Żona tal-Euro (+ l-Iżvezja) ³	Barra miż-Żona tal-Euro	
Iż-Żona tal-Euro (+ l-Iżvezja)	EBDA TARIFFI / TARIFFI BAXXI		TARIFFI GĦALJA
Barra miż-Żona tal-Euro	EBDA TARIFFI / TARIFFI BAXXI GĦAL MIN QED JIBGĦAT	TARIFFI GĦALJA GĦAL MIN QED JIRĊIEVI	TARIFFI GĦALJA

Bħalissa, pereżempju, ċittadin jew kumpanija fil-Bulgarija⁴ li jagħmlu trasferiment transfruntiera ta' EUR 500 lejn il-Finlandja jaf ikollhom iħallsu sa EUR 24 ftariffi, filwaqt li persuna li tittrasferixxi l-istess ammont fil-Finlandja minn Franza ma jkollha tħallas xejn, jew kważi xejn⁵. Il-persuna li tkun qed tagħmel il-pagament minn Franza tħallas l-istess ammont li kieku tħallas għal trasferiment domestiku fi Franza.

WARA L-EMENDI LI JINSABU F'DIN IL-PROPOSTA

JINTBAGĦTU EUROS MINN ... LIL ...	Iż-Żona tal-Euro (+ l-Iżvezja)	Barra miż-Żona tal-Euro
Iż-Żona tal-Euro (+ l-Iżvezja)	EBDA TARIFFI / TARIFFI BAXXI	EBDA TARIFFI / TARIFFI BAXXI
Barra miż-Żona tal-Euro	EBDA TARIFFI / TARIFFI BAXXI	EBDA TARIFFI / TARIFFI BAXXI

B'riżultat tal-emendi li jinsabu f'din il-proposta, iċ-ċittadin jew il-kumpanija li jkunu qed jittrasferixxu euro mill-Bulgarija wkoll ma jħallsu xejn — jew kważi xejn — f'din is-sitwazzjoni. Din il-persuna jew il-kumpanija jħallsu l-istess tariffi għal trasferiment fl-euro għall-Finlandja li kieku jħallsu għal trasferiment domestiku f'levs fil-Bulgarija.

³ B'riżultat tad-deċizzjoni tal-Iżvezja li tipparteċipa fl-Artikolu 14 tar-Regolament 924/2009.

⁴ Sors: L-istudju tad-Deloitte jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/files/180328-study-cross-border-transaction-fees-extension_en

⁵ Ibid.

Obbligi ta' trasparenza relatati ma' Prattiki ta' kambju tal-munita

L-emendi għar-Regolament 924/2009 li jinsabu f'din il-proposta jistabbilixxu wkoll aktar obbligi ta' trasparenza għal prattiki ta' kambju tal-munita f'konformità mal-Artikoli 45 u 59 tad-Direttiva 2015/2366 dwar is-servizzi ta' pagamenti fis-suq intern. Dawn l-obbligi ta' trasparenza ġodda huma ġustifikati, billi l-konsumaturi fl-UE qed jaffaċċjaw nuqqas ta' trasparenza kull meta jagħmlu pagament li jinvolvi kambju tal-munita. Meta konsumatur jagħmel pagament bil-kard f'pajjiż ieħor (kemm jekk ikun għall-ġbid ta' flus kontanti f'ATM jew ta' pagament bil-kard f'punt tal-bejgħ) f'munita differenti mill-munita ta' pajjiżhom, ta' spiss jingħataw żewġ għażliet. L-ewwel għażla hija li jħallsu fil-munita ta' pajjiżhom, servizz imsejjaħ kambju tal-munita dinamiku. Dan is-servizz huwa offrut minn fornituri ta' kambju tal-munita dinamiku u l-bank tan-negozjant. It-tieni għażla tal-konsumatur hija li jħallas fil-munita lokali meta juża s-servizzi tal-iskema tal-kard u l-bank tal-konsumatur (kambju tal-munita mhux dinamiku jew kambji "fuq in-netwerk"). Il-konsumaturi ilhom jilmentaw dwar il-prattiki ta' kambju tal-munita dinamiku b'mod partikolari. Dan minħabba li jqisu li ma għandhomx l-informazzjoni meħtieġa biex jagħmlu għażliet infurmati. B'riżultat ta' dan, il-konsumaturi ta' sikwit u bla ma jridu jagħżlu l-iktar kambju ta' munita għali.

Din il-proposta se ttejjeb it-trasparenza għall-konsumaturi billi tiżvela l-ispiża sħiħa ta' tranżazzjoni transfruntiera. Se tgħinhom jipparagunaw offerti ta' servizz ta' kambju tal-munita qabel jibdew tranżazzjoni ta' pagament li jinvolvi kambju tal-munita. Minħabba n-natura teknika ħafna tal-kambju tal-munita f'ambjent li qed jinbidel malajr, l-Awtorità Bankarja Ewropea se jkollha l-kompitu li tistabbilixxi standards tekniċi regolatorji biex ikunu inkwadrati aħjar il-prattiki ta' kambju tal-munita. Il-proposta se tistabbilixxi wkoll limitu temporanju fuq l-ispejjeż tal-kambju tal-munita sakemm il-miżuri ta' trasparenza mfassla mill-Awtorità Bankarja Ewropea jidħlu fis-seħħ, jiġifieri mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendat.

Ġaladarba implimentata, din il-proposta se tiġġenera ffrankar sinifikanti għall-konsumaturi, filwaqt li d-dħul ta' xi fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jista' jonqos. Il-proposta se tiżgura wkoll li l-ispejjeż tal-kambju tal-munita ma jkunux użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jikkompensaw għal tnaqqis fid-dħul permezz ta' żieda mhux trasparenti tal-marġini fuq kambju ta' munita, billi dawn l-ispejjeż ma jkunux normalment magħrufa mill-utenti ta' servizzi ta' pagamenti.

• Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Sa mill-introduzzjoni tal-euro, l-Unjoni Ewropea nediet diversi inizjattivi biex tnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż ta' tranżazzjonijiet transfruntiera. It-tliet inizjattivi l-aktar importanti huma elenkati hawn taħt.

- L-introduzzjoni ta' sett ta' żona unika ta' pagamenti bl-euro (SEPA) għal tranżazzjonijiet fl-euro, inklużi trasferimenti tal-kreditu fiż-żona unika ta' pagamenti bl-euro u debiti diretti fiż-żona unika ta' pagamenti bl-euro.

- Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (id-Direttiva 2007/64/KE, sostitwita bid-Direttiva (UE) 2015/2366) żiedet t-trasparenza ta' tariffi u tiffaċilita d-dħul ta' parteċipanti ġodda fis-suq. Dan ikkontribwixxa għal aktar kompetizzjoni fil-pagamenti, inklużi pagamenti transfruntiera, u żied it-trasparenza tat-tariffi. Dan irriżulta wkoll f'titjib tal-infrastruttura ta' pagamenti, li saret kapaċi tittratta volumi ogħla ta' pagamenti fl-euro bi spejjeż aktar baxxi.

- Ir-Regolament 2560/2001, iktar tard sostitwit mir-Regolament 924/2009, dwar pagamenti transfruntiera kkontribwixxa wkoll billi ekwalizza t-tariffi għal pagamenti transfruntiera u nazzjonali bl-euro fl-UE.

Dawn l-inizjattivi kollha kkontribwixxew għal aktar integrazzjoni tas-Suq Uniku u l-ħolqien ta' suq tal-pagamenti iktar integrat fiż-Żona tal-Euro.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Din l-inizjattiva tikkontribwixxi għal funzjonament aħjar tas-Suq Uniku. Iġġib magħha wkoll xi benefiċċji ewlenin tal-Unjoni Monetarja u Ekonomika (b'mod partikulari tranżazzjonijiet transfruntiera effiċjenti u bi spejjeż baxxi) lin-nies u n-negozji fi Stati Membri mhux fiż-Żona tal-Euro. L-inizjattiva hija f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni FinTech⁶, li għandu l-għan li jgħib aktar kompetizzjoni u innovazzjoni fis-settur finanzjarju Ewropew. L-inizjattiva hija wkoll marbuta mill-qrib mal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li l-għan tagħha huwa li toħloq suq kapitali uniku ġenwin fl-UE, fejn investituri jistgħu jinvestu l-fondi tagħhom mingħajr ostakli minn fruntiera għall-oħra, u fejn negozji jistgħu jiġbru l-fondi meħtieġa minn firxa varjata ta' sorsi, irrISPettivament minn fejn jinsabu. L-għan tas-Suq Uniku Diġitali li jneħħi l-ostakli għall-kummerċ onlajn se jiġi moqdi wkoll minn din l-inizjattiva, li se tkun applika kemm fl-ambjent ta' negozji tradizzjonali kif ukoll f'dak diġitali. Dan se jneħħi ostaklu wieħed — tariffi għal tranżazzjonijiet transfruntiera — li jistgħu jimpedixxu il-bejgħ transfruntier onlajn.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-istituzzjonijiet Ewropej il-kompetenza li jistabbilixxu dispożizzjonijiet xierqa li bħala l-għan tagħhom għandhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Is-Suq Uniku jinkludi l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Il-pagamenti huma importanti biex jitlesta s-Suq Uniku, iżda bħalissa qed jiġu maħluqa ostakli mill-ispejjeż għalja tal-pagamenti transfruntiera. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-familji u n-negozji li jidħlu f'kummerċ transfruntier. L-ispejjeż għalja ta' pagamenti transfruntiera joħolqu wkoll żewġ kategoriji ta' utenti tas-servizzi ta' pagamenti. L-ewwel kategorija tinkludi utenti fiż-Żona tal-Euro li huma kapaċi jilhq, bil-pagamenti tagħhom, maġġoranza ta' persuni u negozji fl-UE bi spiża baxxa ħafna. It-tieni kategorija tinkludi utenti f'pajjiżi li mhumiex fiż-Żona tal-Euro li jistgħu jilhq biss għadd limitat ta' nies u negozji b'pagamenti rħas.

Biex jiġu indirizzati dawn iż-żewġ kwistjonijiet, azzjoni leġislattiva fil-livell tal-UE hija l-aktar rispons effettiv, u hija konformi mal-għanijiet tat-Trattati.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, azzjoni tal-UE biex jitlesta s-suq intern trid tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Irid jiġi vvalutat jekk l-oġettivi tal-proposta (a) jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri permezz tas-sistemi legali nazzjonali tagħhom u (b) jekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħux jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE.

⁶ COM(2018) 109/2

L-Istati Membri qabel kienu ngħataw l-għażla li jestendu r-Regolament 2560/2001 u s-suċċessur tiegħu r-Regolament 924/2009 għall-munita nazzjonali tagħhom. Sa issa, l-Iżvezja biss għamlet użu minn din l-għażla. B'konsegwenza ta' dan, il-prezzijiet ta' pagamenti transfruntiera fil-krona Żvedžiża mill-Iżvezja issa huma l-istess daqs il-pagamenti domestiċi li jsiru fl-Iżvezja. L-użu ta' din l-għażla mill-Iżvezja ħalla impatt pożittiv ukoll fuq il-pagamenti transfruntiera fil-euro li huma offruti minn banek Żvedžiżi mingħajr ebda imposta addizzjonali meta mqabbla ma' pagamenti fil-krona fl-Iżvezja.

Huwa minnu li l-Istati Membri mhux fiż-Żona tal-Euro setgħu jieħdu azzjonijiet individwali — bħalma għamlet l-Iżvezja — biex inaqqsu l-ispiża ta' pagamenti transfruntiera. Madankollu, l-ostakli attwali jibqgħu sakemm ikun hemm Stati Membri fejn ma tittieħed l-ebda azzjoni. Għal din ir-raġuni, huwa preferibbli li tiġi indirizzata l-problema permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE milli titħalla għall-Istati Membri individwali jew għas-suq, għax ebda minnhom ma jistgħu jiggarrantixxu progress rapidu u kopertura sħiħa tal-UE.

Barra minn hekk, azzjoni fil-livell tal-UE tiġġenera ekonomiji ta' skala (żieda fil-volum ta' tranżazzjonijiet transfruntiera, li twassal għal effiċjenza mtejba l-infrastruttura tal-pagamenti). Iżżid ukoll il-volum ta' kummerċ transfruntiera fl-UE, tistimula l-kompetizzjoni u tkompli tintegra l-ekonomiji tal-UE.

Iż-żamma tal-*istatus quo* jżomm dan id-distakk *de facto*, inaqqas l-integrazzjoni ekonomika u jipprevjeni l-approfondiment tas-suq uniku.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-UE ma għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tat-Trattati.

L-ispiża tal-kisba tal-oġettiv hija baxxa. Dan huwa minħabba li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-UE għandhom aċċess l-infrastrutturi effiċjenti tal-ikklerjar tal-euro u s-saldu. Il-proposta essenzjalment titlob lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament fi Stati Membri mhux fiż-Żona tal-Euro biex jallinjaw it-tariffi tagħhom għal tranżazzjonijiet transfruntiera fl-euro ma' dawk mitluba għal tranżazzjonijiet domestiċi fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru tal-utenti tagħhom ta' servizzi ta' pagamenti (li ġeneralment ikunu inqas). Stati Membri fiż-Żona tal-Euro diġà jibbenefikaw minn tariffi tat-tranżazzjonijiet transfruntiera baxxi għall-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet tagħhom. Il-limitazzjoni tal-proposta għal tranżazzjonijiet fl-euro ma għandha l-ebda impatt fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, iżda tkopri għadd kbir ta' tranżazzjonijiet fi Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro (madwar 60 % għat-tranżazzjonijiet transfruntiera).

Barra minn hekk, l-allinjament tat-tariffi għal tranżazzjonijiet transfruntiera fl-euro ma' tariffi imposti għal tranżazzjonijiet domestiċi fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru jqis il-livell ta' żvilupp u effiċjenza ta' sistemi ta' pagament u l-banek lokali (infrastruttura u proċessi). Tabilħaqq, l-ispejjeż tal-produzzjoni huma differenti minn pajjiż għall-ieħor u, fxi Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro, anki tranżazzjonijiet domestiċi jistgħu jiswew sa EUR 1. L-użu ta' tariffi domestiċi għat-tranżazzjoni bħal parametru referenzjarju jagħmilha possibbli li jitqiesu l-ispeċifitàjiet ta' kull Stat Membru u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament tagħhom. Il-proporzjonalità tkompli tiġi diskussa fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta taħt il-Kapitoli 7 u 8.

L-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal muniti li mhumiex l-euro jkollha benefiċċji ċari, speċjalment fir-rigward tal-għadd ta' pagamenti koperti. Madankollu, tista'

wkoll tinkoraġġixxi lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jżidu l-ispejjeż għal servizzi oħra, b'mod notevoli għal pagamenti domestiċi, biex jagħmlu tajjeb għal tranżazzjonijiet transfruntiera f'muniti li mhumiex l-euro. Għaldaqstant l-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-pagamenti transfruntiera denominati fil-munita nazzjonali tagħhom għandha tibqa' fakultattiva għall-Istati Membri li ma għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom.

3. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati f'diversi modi:

- konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar tariffi ta' tranżazzjoni saru bejn l-24 ta' Lulju 2017 u t-30 ta' Ottubru 2017 (14-il ġimgħa);
- partijiet ikkonċernati mill-industrija, inklużi rappreżentanti minn fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament, ġew ikkonsultati matul laqgħa ta' grupp ta' esperti dwar is-suq tas-sistemi ta' pagament fl-24 ta' Ottubru 2017;
- rappreżentanti tal-Istati Membri ġew ikkonsultati waqt laqgħa tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar is-servizzi bankarji, il-pagamenti u l-assigurazzjoni fis-17 ta' Novembru 2017;
- il-grupp ta' utenti tas-servizzi finanzjarji taw kontribut u osservazzjonijiet fil-laqgħa tiegħu nhar il-5 ta' Diċembru 2017.

F'dawn il-konsultazzjonijiet, utenti tas-servizzi ta' pagament (konsumaturi u negozji) kollha tkellmu dwar il-prezz għoli li jħallsu għal tranżazzjonijiet transfruntiera u n-nuqqas ta' trasparenza tat-tariffi imposti lilhom. Mill-banda l-oħra, il-fornituri tas-servizzi ta' pagamenti indikaw b'mod ċar li kien hemm differenza kbira bejn pagamenti fl-euro li ġew ipproċessati awtomatikament mingħajr intervent manwali u l-ipproċessar ta' pagamenti f'muniti oħrajn ħafna inqas effiċjenti (u għalhekk aktar għali).

- **Ġbir u użu ta' parir espert**

Il-Kummissjoni talbet lill-kumpanija ta' konsulenza Deloitte biex twettaq studju⁷ biex tiġbor dejta dwar it-tariffi imposti mill-aqwa tliet sa seba' banek f'kull Stat Membru mhux fiż-Żona tal-Euro u fi tliet Stati Membri taż-Żona tal-Euro għal tranżazzjonijiet transfruntiera koperti mill-proposta (trasferimenti ta' kreditu, pagamenti bil-kard u ġbid ta' flus kontanti). Barra minn hekk, Deloitte kienet mitluba tipprovdni stimi tal-ispejjeż interni għal dawn it-tranżazzjonijiet. L-istudju kkonkluda li tranżazzjonijiet fl-euro jibbenefikaw minn infrastrutturi, standards u proċessi transfruntiera effiċjenti li għandhom jippermettu li l-prezzijiet tagħhom jiġu allinjati ma' dawk ta' tranżazzjonijiet f'munita domestika, fl-ivell ferm aktar baxxi minn dawk osservati llum. L-istudju kkonkluda wkoll li t-tranżazzjonijiet transfruntiera f'muniti oħra minbarra l-euro kienu għadhom irregolati minn proċessi mhux modernizzati tal-infrastruttura ċentralizzata. Dawn il-proċessi baqgħu għalja, u jipprevjeni l-

⁷ L-istudju tad-Deloitte jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/files/180328-study-cross-border-transaction-fees-extension_en

fornituri tas-servizzi ta' pagament milli joffru prezzijiet kompetittivi għal dawn it-tranżazzjonijiet.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Erba' alternattivi ta' politika ġew ikkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt li rċeviet opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fl-14 ta' Frar 2018. L-għażliet kollha jestendu l-prinċipju tal-ugwalizzazzjoni tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet domestiċi fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru tal-utent tas-servizzi ta' pagament mal-ispiża ta' tranżazzjonijiet transfruntiera fl-UE:

- (1) fl-istess munita nazzjonali;
- (2) fl-istess munita nazzjonali u fl-euro;
- (3) fl-euro biss;
- (4) f'kull munita ta l-Istati Membri tal-UE, irrispettivament minn fejn isiru.

It-tielet għażla tipproponi l-allinjament tat-tariffi għal pagamenti transfruntiera fl-euro fl-UE mat-tariffi għal tranżazzjonijiet domestiċi fil-munita nazzjonali ta' Stat Membru. It-tielet alternattiva hija dik magħżula fil-proposta attwali. Ma għandha ebda impatt fuq l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro. Għal Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro, instabet li hija l-għażla l-aktar effiċjenti, billi infrastrutturi moderni għall pagamenti transfruntiera fl-euro huma disponibbli wkoll għall-fornituri kollha tas-servizzi ta' pagament fi Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro. It-tielet għażla nstabet ukoll li tkun l-aktar effettiva minħabba li l-biċċa l-kbira ta' tranżazzjonijiet transfruntiera fi Stati Membri mhux fiż-Żona tal-Euro jsiru fl-euro. Barra minn hekk, minħabba li l-ispejjeż ta' tranżazzjonijiet fl-euro huma baxxi, ikun hemm inqas riskju li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jżidu (a) it-tariffi għal tranżazzjonijiet domestiċi, jew (b) l-ispejjeż tal-kambju tal-munita sabiex jagħmlu tajjeb għat-tranżazzjonijiet transfruntiera. Kwalunkwe miżura bħal din minn fornituri tas-servizzi ta' pagamenti għandha tkun soġġetta għar-regoli tal-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, din it-tielet għażla hija wkoll konsistenti mal-għan iktar fit-tul li l-euro ssir il-munita komuni għall-Istati Membri kollha. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni, l-aċċettazzjoni ta' din l-għażla mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikun ukoll oġġla milli għal kwalunkwe għażla oħra.

Skont din l-għażla, fornituri tas-servizz ta' pagament mill-Istati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro jgħibu t-tariffi għal pagamenti transfruntiera fl-euro fl-istess livell mat-tariffi pagamenti domestiku fil-munita ta' dawk l-Istati Membri. L-implikazzjonijiet prattiċi huma limitati għal bidla fit-tabelli ta' tariffi użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament meta jimponu tariffi fuq il-klijenti tagħhom. L-iffrankar dirett għall-utenti ta' servizzi ta' pagament (l-iktar il-konsumaturi u n-negozji żgħar u ta' daqs medju — korporazzjonijiet kbar ġeneralment jibbenefikaw minn tariffi n-negozjati) u dħul korrispondenti mnaqqas għal fornituri tas-servizzi ta' pagament minħabba din il-miżura huma stmati għal EUR 900 miljun kull sena li jirriżultaw minn tariffi mnaqqsa mitluba fuq tranżazzjonijiet transfruntiera fl-euro. L-utenti tas-servizzi ta' pagament jibbenefikaw iktar mit-trasparenza miżjuda fit-tariffi imposti għal tranżazzjonijiet transfruntiera. L-ispiża ta' kiri ta' superviżuri biex jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jikkonformaw mar-Regolament se tkun negliġibbli.

Fuq medda twila ta' żmien, hemm żewġ l-impatti mistennija. L-ewwel waħda hija l-integrazzjoni aħjar ta' Stati Membri mhux taż-Żona tal-Euro ma' Stati Membri taż-Żona tal-Euro billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għan-negozji żgħar u ta' daqs medju. It-tieni impatt

mistenni huwa aktar ugwaljanza bejn iċ-ċittadini fl-UE b'aċċess għal prezz aktar baxx għal pagamenti transfruntiera.

Il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament se jaraw id-dħul tagħhom jonqos wara l-implimentazzjoni tal-proposta. Hemm probabbiltà li dawn l-atturi tas-suq se jippruvaw jirkupraw parti mit-telf ta' dħul, pereżempju billi jżidu t-tariffi fuq prodotti u servizzi oħra (pereż. tariffi fuq tranżazzjonijiet domestiċi jew tariffi tal-ġestjoni tal-kont). Kull tentattiv bħal dan naturalment ikun soġġett għar-regoli tal-kompetizzjoni nazzjonali u tal-UE. Huwa importanti li wieħed jinnota li meta ġew imposti fuq il-banek rekwiżiti identiċi fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro wara d-dħul fis-seħħ tal-ewwel Regolament tal-2001, dan ma wassalx għal żieda tat-tariffi. Għall-kuntrarju, it-tariffi għal kull tip ta' pagament kompli jonqos fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro. Fir-rigward ta' Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro, għandu jingħad li l-Iżvezja għamlet użu mill-għażla eżistenti fir-Regolament 924/2009 sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għal krona Żvediża. Din ibbenefikaw minnha l-konsumaturi u n-negozji Żvediż mingħajr ħsara lis-suq tal-pagamenti Żvediz⁸.

Barra minn hekk, hemm il-periklu li l-ispejjeż tal-kambju tal-munita jistgħu jintużaw mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament biex jirkupraw it-telf tad-dħul li jirriżulta mill-obbligu li jallinjaw it-tariffi tagħhom tal-euro ma' dawk li mhumiex fil-euro. Dawn l-ispejjeż tal-kambju tal-munita huma inqas magħrufa minn utenti tas-servizzi ta' pagamenti u mhux trasparenti biżżejjed għall-utenti ta' servizzi ta' pagamenti biex iqabblu. Il-proposta tindirizza dan ir-riskju billi teżiġi aktar trasparenza għall-kambju tal-munita.

Wara l-opinjoni pożittiva u suġġerimenti għal tiġib mill-Bord ta' Skrutinju Regulatorju, ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie emendat biex jiddeskrivi f'aktar dettall ir-rwol fit-tul li t-teknoloġija finanzjarja jista' jkollha fit-tnaqqis tat-tariffi għal pagamenti transfruntiera. Is-sezzjoni fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt relatata mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-emendi li jinsabu f'din il-Proposta ġiet riveduta wkoll. Fl-aħħar nett, saret ħidma ulterjuri mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza fil-kambju tal-munita. Din il-kwistjoni hija diġà koperta mid-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament, li timponi rekwiżiti ta' trasparenza. Madankollu, jenħtieġ li dawn ir-rekwiżiti jsiru iktar speċifiċi biex ikunu aktar effettivi u biex jevitaw il-kontromiżuri li jegħlbu kwalunkwe tnaqqis tal-ispejjeż tal-benefiċċji miksuba billi jiġi emendat ir-Regolament 924/2009. Is-soluzzjoni proposta fil-proposta attwali tikkonsisti fl-għoti ta' mandat lill-Awtorità Bankarja Ewropea biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji li jiżguraw trasparenza u komparabbiltà ta' offerti ta' kambju tal-munita. L-iżvilupp ta' dawn l-istandards tekniċi regolatorji se tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt speċifika li għandha titwettaq mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

• **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ir-Regolament 924/2009 kien identifikat bħala inizjattiva REFIT⁹ fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2017. Dan ir-Regolament kien diġà soġġett għal simplifikazzjoni fl-2012 permezz ta' emendi ppreżentati miż-żona unika ta' pagamenti fl-euro sa tmiem id-data tar-Regolament (ir-Regolament tal-UE Nru 260/2012), li neħħew il-limitu ta' EUR 50 000 li r-

⁸ Ara d-deskrizzjoni tal-każ Żvediż fl-Anness 4 tar-rapport ta' akkumpanjament tal-valutazzjoni tal-impatt.

⁹ Il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) li tnieda f'Diċembru 2012 huwa programm immirat biex il-liġi tal-UE ssir eħfef, aktar faċli u irħas sabiex tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u n-negozji u tgħin biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir u impjiegi. Dan ma joħloqx dubji dwar l-objettivi tal-politika tal-UE, iżda jfittex modi aktar effettivi biex jinkisbu dawn l-objettivi.

Regolament Nru 924/2009 ma kienx japplika lil hinn minnu, u neħħew ukoll għadd ta' obbligi ta' rappurtar.

Il-proposta se ssaħħaħ ulterjorment l-effikaċja tar-Regolament 924/2009. Għalkemm ir-Regolament 924/2009 japplika għat-tranżazzjonijiet kollha tal-euro fl-Istati Membri kollha, ma ħadimx għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE barra ż-Żona tal-Euro, minkejja li l-użu mifrux tal-euro għal tranżazzjonijiet transfruntiera. Il-proposta se tirrimedja dan in-nuqqas u finalment tippermetti liċ-ċittadini kollha tal-UE u n-negozji li jibbenefikaw minn dan ir-Regolament, li dejjem kien maħsub biex jibbenefika lill-UE kollha u mhux biss daww tal-Żona tal-Euro.

Il-mikrointrapriżi u n-negozji żgħar u ta' daqs medju b'mod ġenerali se jibbenefikaw minn din il-proposta. Tabilħaqq, ħafna negozji żgħar u ta' daqs medju, b'mod partikolari l-iżgħar fosthom, ma jkunux jistgħu jinneozjaw it-tariffi li jħallsu għal pagamenti transfruntiera. Din il-kapaċità normalment hija limitata għal klienti korporattivi kbar li jibbenefikaw mis-servizzi ta' ġestjoni tal-flus ta' banek ewlenin. L-estensjoni tar-Regolament għalhekk tkun tibbenefika lil negozji żgħar u medji ħafna aktar milli lil kumpaniji akbar.

In-negozji tal-UE isiru iktar kompetittivi u billi jkunu jistgħu jilhqg ġabra usa' ta' fornituri jew klienti bi spiża aktar baxxa. Huwa probabbli li l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi ssir aktar kompetittiva grazzi għal integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib li tirriżulta mit-tneħħija ta' ostakli relatati mal-ispejjeż għall-pagamenti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-istituzzjonijiet tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatt tar-regoli l-ġodda sal-31 ta' Ottubru 2022 u tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li din l-evalwazzjoni b'mod partikolari tqis l-iżviluppi tas-suq, u tevalwa kemm hu xieraq it-twessigħ tal-proposta għall-muniti kollha tal-Istati Membri tal-UE u mhux biss lejn l-euro.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament jipproponi li l-prezz ta' tranżazzjoni ta' pagament transfruntiera fl-euro fl-Unjoni Ewropea ma għandux ikun differenti minn dak ta' tranżazzjonijiet domestiċi fi Stat Membru li jsir fil-munita nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

L-Artikolu 1(2) jistabbilixxi l-prinċipju li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament iridu jallinjaw it-tariffi għal pagamenti transfruntiera fl-euro ma' daww il-pagamenti domestiċi korrispondenti fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru tal-utent ta' servizzi ta' pagament kif ukoll għal Stati Membri li ma għandhomx l-euro bħala l-munita nazzjonali tagħhom.

L-Artikolu 1(3) jikkjarifika iktar l-Artikoli 45 u 59 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 dwar is-servizzi ta' pagamenti fis-suq intern relatati mal-kambju tal-muniti u jintroduċi rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jiżguraw trasparenza qabel pagament kif ukoll il-komparabbiltà ta' għażliet alternattivi għal kambju tal-munita. Dan l-Artikolu jagħti l-kompitu lill-Awtorità Bankarja Ewropea li tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet ta' servizzi tal-kambju ta' munita differenti disponibbli għall-utenti ta' servizzi ta' pagamenti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 fir-rigward ta' ċerti imposti fuq ħlas transkonfinali fl-Unjoni u l-imposti fuq il-kambju tal-munita

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁰,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

- (1) Minn mindu ġie adottat, l-ewwel, ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u sussegwentament ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², l-imposti fuq il-pagamenti transfruntiera (transkonfinali) fl-euro bejn l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro naqsu drastikament għal livelli li huma insinifikanti fil-biċċa l-kbira tal-każijiet.
- (2) Madankollu pagamenti transfruntiera fl-euro minn Stati Membri mhux taż-Żona tal-Euro jiffirmaw parti kbira ħafna mill-pagamenti transfruntiera kollha minn Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro. L-imposti għal dawk il-pagamenti transfruntiera speċifiċi għadhom għoljin, minkejja li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom aċċess għall-istess infrastruttura li tiffunzjona tajjeb biex jipproċessa dawk it-tranżazzjonijiet bi spejjeż baxxi ħafna bħala fornituri ta' servizzi ta' pagament milli fiż-Żona tal-Euro.
- (3) Imposti għalja għal pagamenti transfruntiera għadhom ostaklu għall-integrazzjoni sħiħa fis-suq uniku ta' negozji u ċittadini fi Stati Membri mhux fiż-Żona tal-Euro. Dawn jipperpetwaw l-eżistenza ta' żewġ kategoriji ta' utenti tas-servizzi ta' pagamenti fl-Unjoni: minn naħa waħda l-utenti ta' servizzi ta' pagamenti, li l-maġġoranza vasta tagħhom jibbenefikaw minn żona unika ta' pagamenti bl-euro (single euro payments area, "SEPA"), u min-naħa l-oħra, l-utenti ta' servizzi ta' pagament li jħallsu bl-għoli għal pagamenti transfruntiera tagħhom fl-euro.

¹⁰ ĠU C , , p. .

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar pagamenti transkonfini f'euro (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 13).

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11).

- (4) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-Suq Uniku u jintemmu l-ostakli bejn utenti tas-servizz ta' pagament fiż-Żona tal-Euro u Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro fir-rigward ta' pagamenti transfruntiera fl-euro, jeħtieġ li jkun żgurat li imposti għal pagamenti transfruntiera fl-euro fl-Unjoni jkunu allinjati mat-tariffi għal pagamenti domestiċi li jsiru fil-munita nazzjonali ta' Stat Membru.
- (5) Imposti għal kambju tal-munita jirrappreżentaw spiża sinifikanti ta' pagamenti transkonfinali meta muniti differenti jkunu użata fil-pajjiżi ta' min iħallas u l-benefiċjarju. L-Artikolu 45 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ jeżiġi trasparenza tal-imposti u r-rata tal-kambju użata qabel tibda tranżazzjoni ta' pagament. Meta jiġu offruti għażliet alternattivi ta' kambju tal-munita f'punt ta' bejgħ jew f'kaxxiera awtomatika (automated teller machine, ATM), dik it-trasparenza tista' ma tippermettix tqabbil ta' malajr u ċara bejn dawn l-għażliet ta' kambju ta' munita. Dan in-nuqqas ta' trasparenza jipprevjeni l-kompetizzjoni milli tnaqqas l-ispejjeż tal-kambju tal-munita u jżid ir-riskju li min iħallas jagħżel il-kambju tal-munita l-għali. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġu żviluppati miżuri indirizzati lill-fornituri ta' servizzi ta' pagamenti li jtejbju t-trasparenza u jipproteġu lill-konsumaturi kontra tariffi eċċessivi għal servizzi ta' kambju tal-munita, b'mod partikolari meta l-konsumaturi mhux qed jingħataw l-informazzjoni li jeħtieġu biex jagħmlu l-aħjar għażla ta' kambju tal-munita.
- (6) Trasparenza fl-imposti fuq kambju ta' munita jeħtieġ l-adattament tal-infrastrutturi u l-proċessi attwali ta' pagamenti, b'mod partikolari għal pagamenti li jsiru onlajn, fil-punt tal-bejgħ jew ġbid ta' flus kontanti mill-ATMs. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-parteċipanti fis-suq jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw l-infrastruttura u l-proċessi tagħhom f'dak li jirrigwarda dawn id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw imposti għall-kambju tal-munita sabiex jikkonformaw ma' standards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.
- (7) Minħabba l-livell tal-miżuri tekniċi meħtieġa għal trasparenza ta' imposti fuq kambju ta' munita, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea fir-rigward tal-livell ta' trasparenza u komparabbiltà ta' servizzi ta' kambju tal-munita. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.
- (8) Sabiex jiġi limitat id-detriment għall-konsumatur qabel ma l-atturi tas-suq jkunu meħtieġa li jikkonformaw ma' miżuri ta' trasparenza, huwa xieraq li jingħataw struzzjonijiet mill-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, "EBA") biex tiddefinixxi, fl-istandard tekniku regolatorju, il-livell ta' limitu li jenħtieġ li jiġi applikat biex jillimita l-imposti għall-kambju tal-munita fuq is-servizzi filwaqt li fl-istess ħin tinżamm kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri ta' servizzi ta' pagament.
- (9) Minħabba l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba n-natura transfruntiera tal-pagamenti, jistgħu

¹³ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 924/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-pagamenti transfruntiera fl-Unjoni",

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied it-tieni sottoparagrafu li ġej:

"Madankollu l-Artikoli 3a u 3b għandhom japplikaw għall-pagamenti transfruntiera kollha, irrispettivament minn jekk dawk il-pagamenti humiex denominati fl-euro jew f'munita nazzjonali ta' Stat Membru għajr l-euro.";

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-imposti mitluba minn fornitur tas-servizz tal-ħlas mill-utent tas-servizz ta' pagament fir-rigward ta' pagamenti transfruntieri f'euro għandhom ikunu l-istess daqs l-imposti mitluba minn dak il-fornitur tas-servizz ta' pagament fuq dak l-utent tas-servizz ta' pagament għal pagamenti nazzjonali korrispondenti tal-istess valur u fil-munita uffiċjali tal-Istat Membru tal-utent tas-servizz ta' pagament",

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1 a li ġej:

"1a. Imposti mitluba minn fornitur tas-servizz ta' pagament mill-utent tas-servizz ta' pagament fir-rigward ta' pagamenti transfruntiera fil-munita nazzjonali ta' Stat Membru li jkun innotifika d-deċiżjoni tiegħu li jestendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-munita nazzjonali tiegħu skont l-Artikolu 14, għandhom ikunu l-istess daqs l-imposti mitluba minn dak il-fornitur tas-servizz ta' pagament mill-utent tas-servizz ta' pagament għal pagamenti nazzjonali korrispondenti tal-istess valur u fl-istess munita.",

(c) il-paragrafu 3 huwa mħassar,

(d) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-imposti msemmija fil-paragrafi 1 u 1a ma għandhomx ikopru imposti fuq kambju ta' munita.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"Artikolu 3a

L-imposti fuq il-kambju tal-munita

1. Minn [OP please insert date 36 months after the entry into force of this Regulation], il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-utenti tas-servizz ta' pagament bl-ispiża sħiħa ta' servizzi ta' kambju tal-munita, u fejn applikabbli, b'għażliet alternattivi ta' kambju tal-munita qabel il-bidu tat-tranżazzjoni ta' pagament, bil-għan li l-utenti tas-servizz ta' pagament ikunu jistgħu jqabblu l-għażliet alternattivi ta' kambju tal-munita u l-ispejjeż korrispondenti tagħhom. Għal dan il-għan, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jiżvelaw ir-rata tal-kambju, ir-rata tal-kambju ta' referenza esterna użata u l-ammont totali ta' l-imposti kollha applikabbli għall-kambju tat-tranżazzjoni tal-pagament.

2. L-awtorità Bankarja Ewropea ("EBA") għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw kif il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-prezzijiet tal-għażliet differenti ta' servizzi ta' kambju tal-munita, fejn dawn ikunu disponibbli, lil utenti ta' servizzi ta' pagament. Dawn l-istandards għandhom jinkludu miżuri li għandhom jiġu applikati minn fornituri ta' servizzi ta' pagament, inklużi f'ATM jew punt ta' bejgħ, sabiex jiġi żgurat li l-utenti ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmati dwar l-ispejjeż tas-servizz tal-kambju ta' munita u l-għażliet alternattivi ta' kambju tal-munita, fejn disponibbli, qabel ma jinbeda l-pagament.

L-istandards tekniċi regolatorji abbozzati msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ukoll jistabbilixxu l-ammont massimu tal-imposti kollha permessi għal servizzi ta' kambju ta' munita li jistgħu jiġu applikata għal tranżazzjoni ta' pagament matul il-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 3b. Dawn l-istandards għandhom iqisu l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament u ċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju bejn muniti tal-Istati Membri tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata u tinżamm kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri kollha ta' servizzi ta' pagament L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi evitat li l-utenti ta' servizzi ta' pagament jintalbu jħallsu iktar minn dan l-ammont massimu matul dak il-perjodu.

L-ABE għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġejj:

"Artikolu 3b

Perjodu tranżitorju

Matul il-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3a(2) u d-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3a(1), l-imposti għas-servizzi tal-kambju tal-munita ma għandhomx jaqbzù l-ammont massimu stabbilit fl-istandards tekniċi regolatorji adottati f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3a(2).";

(5) L-Artikolu 15 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 15
Rieżami

Sal-31 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien, jekk xieraq, ma' proposta. Dan ir-rapport għandu jkopri, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-modifika tal-Artikolu 1(2) sabiex jiżgura li dan ir-Regolament ikopri l-muniti tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President